# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1801

**Kaz Numru 2470DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Carmel Spiteri**
**ID 334360M**
**u**

**Alfur Limited C 14381 ezercitanti fil-kummerc bl-isem ta' 'Magi Arredamenti'**

***dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta***

**Chairman: Antoine DeGiovanni**

**Illum il-Gimgha 27 ta' Lulju 2007**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fl-14 ta' Marzu 2007.

**2. Rapprezentanza**

Carmel Spiteri, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien assistit mill-Avukat Tonio Cachia.

Il-kumpanija Alfur Limited li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata mill-Avukat Ian Stafrace.

**3. Fatti tal-kaz fil-qosor**

Nhar l-14 ta' Novembru 2006, id-Direttur Manigerjali tal-kumpanija intimata hareg cirkulari biex jgharraf lill-impjegati kollha li ghal zmien il-festi ta' l-ahhar tas-sena u l-bidu tas-sena l-gdida, il-kumpanija intimata kienet ser taghlaq ghall-vaganzi bejn il-25.12.06 u t-03.01.07. Minbarra dan, l-impjegati kienu mgharrfa wkoll li matul Dicembru 2006 u Jannar 2007 ma kienx ser jinghata *leave* hlief f'kazi ta' emergenza. Ir-rikorrent ma ffirmax

din ic-cirkulari ghaliex ried li minbarra l-granet ta' l-gheluq komuni msemmija, hu ried ukoll li jkun frank nhar l-04 u l-05.01.07. Minkejja spjegazzjoni li nghata ghaliex ma setax jiehu dawn il-jumejn addizzjonali frank, ir-rikorrent gharraf lid-Dirigent Manigerjali li ma kienx ser jidhol lura ghax-xoghol qabel it-08.01.07. Fil-fatt hekk ghamel. Meta fl-ewwel jum wara l-vaganzi mgharrfa skond ic-cirkulari, dahal ghax-xoghol, ir-rikorrent kien mgharraf li kien sospiz mix-xoghol. Ir-rikorrent stqarr li kien mgharraf li s-sospensoni kienet ghal gimaghtejn u l-kumpanija intimata stqarret li s-sospensjoni kienet ghal zmien indefinit sakemm tirregola ruhha.
Permezz ta' ittra datata 09.01.07, ir-rikorrent kien mgharraf li minhabba li ma attendiex ghax-xoghol nhar l-04 u l-05.01.07 minghajr permess, kien qieghed jitkecca mill-impjieg.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Magdalene Abela xehdet ghall-kumpanija intimata

4.2 Anthony Buttigieg u Noel Abela xehedu ghar-rikorrent

4.3 Ian Bromley, Godwin Friggieri u Carmel Spiteri kienu xhieda komuni

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrent esebixxa

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz.
5.1.2 kopja ta' l-ittra datata 09.01.07 minghand il-kumpanija intimata li gharrfitu bit-temma ta' l-impjieg, immarkata Dok.A
5.1.3 kopja ta' ittra datata 19.01.07, minghand il-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig, immarkata Dok. B
5.1.4 dokument tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig ETC103 datat 15.01.07, immarkat Dok. C
5.1.5 dokument tal-kumpanija intimata dwar il-hlasijiet li ghamlet lir-rikorrent mat-temma ta' l-impjieg, immarkat Dok. D

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz
5.2.2 kopja ta' cirkulari datata 14.11.06, immarkata Dok. GF1
5.2.3 kopji ta cirkularijiet precedenti dwar ix-*shut downs* konsistenti f'hames pagni, immarkati IS/GF/1
5.2.4 kopja ta' skeda tal-granet tal-frank li ha r-rikorrent bejn is-16.01.06 u l-05.01.07, immarkata Dok.TC1.
5.2.5

## 6. Gabra tax-xhieda fil-qosor

6.1 Magdalene Abela, impjegata fil-kariga ta' Segretarja mal-kumpanija intimata, stqarret li bhalma sar dejjem fl-imghoddi, l-gheluq ta' tmiem is-sena 2006 kien mgharraf lill-impjegati b'cirkulari f' Novembru 2006. Id-diskussjoni bejn Godwin Friggieri u r-rikorrent dwar l-oggezzjonijiet tar-rikorrent ghall-gheluq qasir saret fl-ufficcju taghha meta r-rikorrent baqa' jinsisti biex jiehu jumejn addizzjonali. Meta l-kumpanija fethet wara x-*shut down*, saret taf li r-rikorrent ghamel kif kien qal u la dahal ghax-xoghol il-Hamis u l-Gimgha, u lanqas ma cempel biex jaghti xi spjega ghall-assenza tieghu. F'xi hin hi semghet lil Joe Friggieri u lil Godwin Friggieri jghidu li r-rikorrent kien sospiz ghal gimaghtejn.

6.2 Noel Abela, impjegat mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi, stqarr li r-rikorrent kien mar ikellmu f'Jannar 2007 dwar is-sospensjoni mix-xoghol. Hu zied jghid li kien gharraf lir-rikorrent li matul is-sospensjoni hu kellu dritt ghal paga shiha.

6.3 Ian Bromley, impjegat fil-kariga ta' *Procurement Manager* mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent kien wiehed minn numru zghir ta' impjegati tas-sena. Hu spjega l-procedura li tintuza kull sena biex il-produzzjoni titwaqqaf ghal madwar gimaghtejn matul is-Sajf u l-istess fi tmiem is-sena. F'Novembru 2006, ir-rikorrent kien irrifjuta li jiffirma c-cirkulari li kienet tghid li l-waqfien kien ser ikun ta' tmint ijiem minflok ta' ghaxart ijiem, izda ma kienx jaf ir-raguni ghal dan ir-rifjut. Nhar il-Hamis 04.01.07 hu dahal lura ghax-xoghol, izda r-rikorrent la attenda dakinhar u lanqas l-ghada. Sa fejn kien jaf hu, ir-rikorrent ma ghamel ebda kuntatt mal-kumpanija biex jispjega l-assenza tieghu. Nhar it-Tnejn 08.01.07, meta fetah il-fabbrika, iltaqa' mar-rikorrent u kif kien ordnat jaghmel, gharrfu li kien sospiz mix-xoghol, u li kien ser ikun ikkuntattjat mid-Direttur Manigerjali.

6.4 Anthony Buttigieg, impjegat mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg, stqarr li r-rikorrent kien mar ikellmu f'Jannar 2007 biex jikseb il-hlasijiet dovuti lilu b'rizultat tat-temma ta' l-impjieg, u zied jghid li r-rikorrent kien thallas kollox skond il-ligi.

6.5 Godwin Friggieri, Direttur Manigerjali tal-kumpanija intimata, stqarr li hu jimpjega sittax-il persuna biex jimmanifatturaw ghamara ghas-suq lokali. Ir-rikorrent kien wiehed minn tlieta ta' l-oghla livell fis-sena ta' mastrudaxxa, u kien allokat l-aktar biex jahdem bibien ta' l-ghamara fuq il-magni. F'zewg okkazjonijiet matul kull sena, wara avviz cirkulat, il-kumpanija intimata twaqqaf il-produzzjoni u taghlaq ghal madwar gimaghtejn, l-ewwel f'nofs is-Sajf u wara fi tmiem is-sena. Dan isir biex l-impjegati jistriehu, u wkoll biex il-vaganzi

jittiehdu b'mod li ma tkunx effettwata hazin il-produzzjoni. Ir-rikorrent irrifjuta li jiffirma c-cirkulari mahruga fl-14.11.06, ghaliex ried li l-gheluq ikun ta' gimaghtejn u mhux anqas, kif kien avzat. Minkejja spjega ghaliex l-gheluq kien anqas minn gimaghtejn, hu baqa' jirifjuta li jiffirma, u insista li jiehu jumejn addizzjonali. Gara li r-rikorrent ma dahalx ghax-xoghol nhar il-Hamis 04.01.07 u nhar il-Gimgha 05.01.07. Meta wasal it-Tnejn ta' wara u r-rikorrent dahal ghax-xoghol, fuq ordni tieghu stess, Ian Bromley gharrfu li kien sospiz. Wara li ghamel l-indagni tieghu hu ddecieda li jtemm l-impjieg tar-rikorrent b'effett immedjat.

6.6 Carmel Spiteri, ir-rikorrent, stqarr li hu rega' beda jahdem mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' mastrudaxxa nhar l-01.11.04. L-gheluq ghall-vaganzi matul is-sena l-bicca l-kbira kien ikun ta' gimaghtejn shah. Nhar l-14.11.06 kien muri c-cirkulari ghax-*shut down* ta' tmint ijiem tax-xoghol u minhabba li xtaq jiehu jumejn addizzjonali iddecieda li ma jiffirmahiex. Meta ftit tal-granet wara tela' l-ufficcju biex japplika ghal jumejn frank bil-hsieb li jghaqqad l-ghaxart ijiem, Magdalene Abela qaltlu biex ihalli f'idejha. Wara xi zmien kien kellmu Godwin Friggieri u spjegalu r-ragunijiet ghaliex ma setax japprovalu l-jumejn frank li talab. Ir-rikorrent ikkonferma li hu ma kienx mistoqsi r-raguni ghalfejn ried jumejn frank addizzjonali u ghaldaqstant ma semma xejn. Ir-rikorrent zied jghid li fix-xoghol tieghu hu kien avvanzat u l-jumejn frank li talab ma kinux ser jaffettwaw hazin il-produzzjoni. Tant hu hekk li kien intbaghat jahdem f'taqsima ohra ghal xi zmien u xoghlu ma waqax lura. Meta dahal lura ghax-xoghol nhar it-Tnejn 08.01.07 Ian Bromley gharrfu li kien sospiz ghal gimaghtejn. Aktar tard fl-istess jum mar id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi fejn kien mgharraf li qabel ma jinqabad il-kaz tieghu kien mehtieg li jkollu bil-miktub x'kien gara. Kien mgharraf ukoll li kull sospensjoni setghet issir biss b'paga shiha. Xi granet wara mar lura fil-fabbrika biex jigbor il-paga u talab biex jinghata bil-miktub id-decizjoni li kienet hadet il-kumpanija. Fil-fatt Joe Friggieri tah ittra u ssuggerielu jiftahha ghaliex l-affarijiet kienu nbidlu. Ir-rikorrent temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li minbarra l-15-il jum tax-*shut down,* hu kien ha jumejn ohra frank matul is-sena, u spicca b'erbat ijiem frank pendenti. Li kieku ma hax il-jumejn frank nhar l-04 u l-05.01.07 kien jispicca bi kwazi sitt ijiem frank pendenti.

## 7. Gabra tat-trattazzjonijiet fil-qosor

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Ian Stafrace f'isem il-kumpanija intimata stqarr li

- minhabba li skond il-ligi s-sopensjoni mill-impjieg tista' ssir biss b'paga shiha, zgur li ma tistax titqies bhala forma ta' kastig. Izda ghandha titqies biss li hi zmien ta' riflessjoni sakemm wiehed jirregola lilu nnifsu biex jiehu decizjoni finali.
- f'dan il-kaz is-sospensjoni damet biss ftit granet sakemm il-kumpanija intimata stenniet ghalxejn biex tircievi xi raguni ghall-assenza minghajr permess tar-rikorrent

- kif jirrizulta mill-provi, meta matul is-sena 2006 ir-rikorrent talab il-*leave*, dan inghata lilu. Xi drabi f'sighat, u f'okkazjonijiet ohra fi granet. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li r-rikorrent kien imcahhad milli jiehu l-frank tieghu hlief f'certi zminijiet.
- jirrizulta wkoll mill-provi li r-rikorrent kien ihares b'mod pozittiv lejn l-imgiba tas-sid versus l-impjegati. Kieku ma kienx hekk ma kienx jerga' jfittex li jimpjega ruhu ma' l-istess kumpanija wara assenza ghal xi zmien minn Malta.
- fic-cirkustanzi li sehhu l-affarijiet, wiehed kien jistenna li r-rikorrent jaghti raguni ghat-talba tieghu. Jekk mhu ghal xejn, minhabba l-fatt li t-talba saret fi zmien meta kien hemm ordni ta' waqfien fl-ghoti tal-*leave*.
- lanqas ma taghmel sens l-ipotesi li r-rikorrent seta' fehem li la t-talba ma kinitx rifjutata, allura seta' jinterpreta din bhala li tista' tkun (*maybe*) iva. Dan ghaliex f'cirkustanzi tali, wiehed jistenna li min ikun fid-dubju jehtieg li jikkonferma. Ir-rikorrent qatt ma pprova jikkonferma jekk setax jiehu l-*leave*.
- jidher li r-rikorrent kien tal-fehma li kellu dritt jiehu l-jumejn *leave*, izda ma qalx minn fejn jirrizulta dan id-dritt. Izda anki kieku kellu dritt, hu naqas li japplika ghal-*leave*.

- jirrizulta mill-provi li r-rikorrent kien deciz, jghid x'jghid is-sid, li l-jumejn *leave* li ried jiehu kien ser jehodhom u hekk ghamel. Dan l-agir jammonta ghal dizubbidjenza u mhux biss assenza minghajr permess, u issa jehtieg li r-rikorrent ikun lest jaccetta r-responsabbilta' ghad-decizjoni unilaterali li ha.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Tonio Cachia f'isem ir-rikorrent stqarr li

- il-vera raguni ghat-tkeccija ma kinitx l-assenza, allegatament minghajr permess, ta' jumejn mix-xoghol, izda l-fatt li, wara l-ordni ta' sospensjoni, il-kumpanija intimata kienet mgharrfa mir-rikorrent stess, li kellu dritt jithallas matul iz-zmien kollu ta' sospensjoni. Tant hu minnu li l-ewwel decizjoni kienet ta' sospensjoni ghal gimaghtejn biss, li Magdelene Abela stqarret li semghet lil Joe u Godwin Friggieri jghidu li r-rikorrent kien sospiz ghal gimaghtejn. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tar-rikorrent, li ma kinitx kontestata, li meta Joe Friggieri tah l-ittra li kien ilu jitlob xi zmien, qallu biex jiftahha u jaqraha ghaliex l-affarijiet kienu nbidlu.
- id-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg kienet it-tieni kastig ghall-istess allegat nuqqas, u ma kienx hemm gustifikazzjoni ghaliha
- id-data tat-temma ta' l-impjieg saret b'effett retroattiv bil-ghan li tinheba s-sospensjoni u wkoll bil-hsieb li jkun evitat hlas ta' paga bla bzonn
- ir-rikorrent qatt ma nghata twiddib bil-fomm jew bil-kitba ghal xi nuqqas. Ghaldaqstant it-temma ta' l-impjieg ghall-ewwel allegat nuqqas mhix gustfikata
- anki l-istess principji stabbiliti mill-Ghaqda Internazzjonali tax-Xoghol jirrakkomandaw li t-temma ta' l-impjieg ghandha ssir biss f'kazi ta' nuqqas serju, u meta b'intensjoni retta, ma jkunx jista' jsir mod iehor. Hemm ukoll principju li l-impjegat ghandu jinghata l-opportunita' jiddefendi l-kaz tieghu. Affarijiet li f'dan il-kaz ma sehhewx.
- Fid-dawl ta' dan kollu r-rikorrent tkecca ingustament u ghandu jinghata kumpens xieraq

## 8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

It-Tribunal Industrijali jaghmel riferenza ghall-artikli 7.2 ta' l-Avviz Legali Numru 50 ta' l-1977, kif ukoll ghall-artikli 8(1) u 8(3) ta l-Avviz Legali Numru 247 ta' l-2003. Minn dawn il-provvedimenti jirrizulta li l-*leave* ghandu jittiehed matul kull sena kalendarja bil-kunsens taz-zewg partijiet. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-garr tal-*leave* minn sena ghal ohra, wkoll jehtieg li jsir bil-kunsens taz-zewg partijiet.

Biex ikun jista' jasal ghal decizjoni gusta f'din it-tilwima tax-xoghol, it-Tribunal Industrijali jehtieg jezamina l-agir ta' kull parti fid-dawl tal-provvedimenti legali msemmija.

It-Tribunal Industrijali osserva li l-kumpanija intimata kienet tamministra l-parti l-kbira tall-*leave* hi, fl-interess tal-produzzjoni. Jirrizulta mill-provi

li l-kumpanija intimata kienet tiddeciedi hi, id-dati meta twaqqaf il-produzzjoni biex ikunu jistghu jsiru x-*shut downs*, kienet tistabilixxi hi z-zminijiet meta talbiet ghal-*leave* ma setghux isiru jekk mhux ghal kazi ta' emergenza, kif ukoll kienet tittratta talbiet ohra ghal-*leave* skond l-ezigenzi tax-xoghol. Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali, meta jintuza, dan il-mezz ta' kontroll hu fl-interess reciproku tal-kumpanija, hi liema hi, kif ukoll ta' l-impjegati, dment li l-provvedimenti tal-ligijiet rilevanti, rigwardanti l-kunsens taz-zewg partijiet ghal dan kollu, ikun segwit. Jirrizulta li ghal dan kollu l-kumpanija intimata ppruvat tagixxi skond il-ligi, ghaliex meta harget ic-cirkulari ppruvat tikseb il-kunsens ta' l-impjegati pemezz tal-firma taghhom fuq l-istess cirkulari. Izda kien hemm zewg elementi li jidher li ma nghatawx l-attenzjoni xierqa li jisthoqq mill-amministratur tal-*leave* tal-kumpanija intimata.

Jirrizulta mill-provi li r-rikorrent la ffirma l-kunsens tieghu ghax-*shut down* ta' tmiem is-sena 2006 u lanqas biex jingarr il-*leave* pendenti ta' l-istess sena ghas-sena ta' wara. Minkejja dan in-nuqqas ta' kunsens, ir-rikorrent kien kostrett jiehu tmint ijiem *leave* waqt ix-*shut down* u ngarrulu numru ta' granet *leave* ghas-sena ta' wara, it-tnejn minghajr il-kunsens tieghu u konsegwentament kontra l-ligi. Il-kumpanija intimata kellha dritt biss tirrifjuta li tapprovalu t-talba tieghu ghal jumejn *leave,* kif fil-fatt ghamlet. Izda din id-decizjoni fissret li l-garr tal-leave b'mod unilaterali, u kontra l-ligi, kien akbar.

Minghajr il-kunsens mehtieg tar-rikorrent, u fic-cirkustanzi li kienet iffaccjata bihom, il-kumpanija intimata kellha obbligu, bhala l-amministratur tal-*leave*, li ssib soluzzjoni accettabbli ghaz-zewg partijiet. Il-fatt li ma ghamlitx hekk, ipoggi lill-kumpanija intimata responsabbli ghall-azzjoni unilaterali konsegwenzjali tar-rikorrent.

F'dan il-kaz, ir-rikorrent seta' jikkopera aktar mal-kumpanija intimata, u l-fatt li ha l-*leave* minghajr l-approvazzjoni tal-kumpanija intimata hu att kontra l-ligi. Minn dan kollu jirrizulta li kemm il-kumpanija intimata kif ukoll ir-rikorrent, agixxew kontra l-ligi. Id-decizjoni tal-kumpanija intimata, li tefghet il-htija kollha ghal dak li gara fuq ir-rikorrent u ghazlet li ttemm l-impjieg, kienet decizjoni sproporzjonata u zbaljata.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali

9.1 wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent ghar-ragunijiet moghtija ma saritx ghal raguni gusta u bizzejjed.

9.2 jordna lill-kumpanija intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn, mitejn u disghin Liri Maltin (Lm2,290) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f'sitt pagamenti ndaqs u konsekuttivi kull xahar, bl-ewwel pagament isir nhar il-31 ta' Awissu 2007.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**